**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jean Paul Attard)**

**vs**

**Fraj Al Sadiq**
**(Detentur tan-numru tal-pulizija 19S041)**

**Illum, 8 ta' Marzu, 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Fraj Al Sadiq**, iben Al Sadiq u Tpra nee` Al Abase, mingħajr indirizz fiss, detentur tan-numru tal-pulizija 19S041, imwieled Tripli, Libja, nhar it-28 ta' Settembru 1991;

Akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. F'Tas-Sliema u/jew fi bnadi oħra f'Malta, fid-29 ta' Jannar 2022 fil-għodu, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, mill-AM Hostel, Triq Sir George Borg, Tas-Sliema, għad-detriment ta' AM Hostel u/jew Albert Borg Cardona u/jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u wkoll ikkwalifikat bil-ħin;

2. F'San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f'Malta, fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Frar 2022, ikkometta serq ta' diversi oġġetti mis-St. George's Park Hotel, Triq id-Dragunara, san Ġiljan għad-detriment ta' Boris Dos Ramos Sagarzazu u/jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u jeċċedi l-elfejn, tliet mija, disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u wkoll ikkwalifikat bil-mezz u bil-ħin;

3. F'San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f'Malta, fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Frar 2022, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal mhux aktar minn mitejn u ħamsin ewro (€250), u dan għad-dannu ta' St. George's Park Hotel u/jew Antonio Barrientos Linan u/jew persuni oħra;

4. F'San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f'Malta, nhar it-13 ta' Frar 2022 u fil-ġranet ta' qabel, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta, jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod ieħor, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

5. F'San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f'Malta, nhar it-13 ta' Frar 2022 u fil-ġranet ta' qabel, malli sar jaf li xi ħaġa li kienet fil-pussess tiegħu kienet ħaġa misruqa jew ħaġa meħuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgħarraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta hekk sar jaf;

6. F'San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f'Malta nhar it-13 ta' Frar 2022, u fil-ġranet ta' qabel, kien qiegħed jgħix ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti;

Rat illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, kif ukoll illi huwa kkonferma din l-ammissjoni tiegħu wara li l-Qorti ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa' jaħsibha u jerġa' lura minnha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, u dan fil-presenza tal-avukat difensur tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha, salv għall-ħames imputazzjoni, li kif ser jingħad, ser titqies bħala alternattiva.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis il-fedina penali tal-imputat li hija waħda netta, u li l-ammissjoni tiegħu saret fl-iżjed stadju bikri tal-proċeduri.

Qed tqis ukoll illi l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara, kif jirriżulta mill-atti, illi ħafna mill-oġġetti misruqa nstabu mill-Pulizija meta ġie arrestat l-imputat flimkien ma' terza persuna li diġa` tressaq quddiem din il-Qorti, diversament preseduta, in konnessjoni mal-istess reati mertu tal-każ tal-lum u fuq ammissjoni, ġie ġudikat mill-istess Qorti.

Mill-banda l-oħra, qed tqis ukoll in-natura serja tar-reati odjerni, iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż illi l-imputat m'għandux residenza fissa u lanqas impjieg fiss, kif ukoll illi jidher li huwa għandu problema akuta ta' droga, dwar liema huwa stess qed jitlob li jingħata l-għajnuna. Jirriżulta wkoll illi qabel tressaq quddiem il-Qorti akkużat bir-reati odjerni, l-imputat irċieva kura ġewwa l-Isptar Monte Karmeli u illi jeħtieġ kura medika. Tqis in oltre illi fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, l-iżjed post idoneu fejn l-imputat jista' jingħata l-għajnuna li għandu bżonn inkluż kontra l-vizzju tad-droga, huwa ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, fejn ikun jista' jiġi megħjun ukoll in konnessjoni maċ-ċirkostanzi soċjali li huwa jinsab fihom. Altrimenti ikun ferm diffiċli jekk mhux impossibbli illi l-Qorti tramite l-Uffiċjali tal-*Probation* toffri għajnuna lill-imputat u illi jkun hemm xi forma ta' kontroll fuqu da parti tal-istess professjonisti. Il-Qorti tqis illi piena karċerarja fiċ-ċirkostanzi hija piena idonea għar-reati odjerni, u illi fi kwalunkwe każ lanqas ma tista' teroga piena ta' priġunerija sospiża stante illi l-piena minima għar-reati odjerni teċċedi s-sentejn priġunerija. Madankollu, tenut kont tal-fatt illi l-fedina penali tal-imputat hija waħda netta, il-Qorti qed teroga piena ta' priġunerija fil-minimu.

Tqis ukoll in oltre illi r-reat ta' ħsara volontarja mertu tat-tielet imputazzjoni ġie kommess bħala mezz għall-fini għar-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni, kif

ukoll illi l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara illi r-reat kkontemplat fir-raba' imputazzjoni ossia dak ta' riċettazzjoni m'huwiex alternattiv għar-reat ta' serq fl-ewwel żewġ imputazzjonijiet. Dan kif jirriżulta wkoll mill-atti proċesswali ossia mid-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni in konnessjoni ma' rapport ieħor ta' serq li daħal nhar it-13 ta' Frar 2022, mil-liema dokumenti jirriżulta wkoll illi l-oġġetti rrapportati misruqa permezz ta' dan ir-rapport instabu fil-pussess tal-imputat odjern. Madankollu, il-Qorti qed tqis ir-reat ikkontemplat fil-ħames imputazzjoni ossia dak taħt l-Artikolu 334A tal-Kodiċi Kriminali bħala alternattiv għar-reati l-oħrajn.

In oltre fir-rigward tas-sitt imputazzjoni qed tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(d) tal-Kodiċi Kriminali.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17(b), (d) u (h), 18, 261(b), (c), (f), 263, 267, 270, 279(a) u (b), 280(1) u (2), 325(b), 334(a), 334A u 338(w) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **Fraj Al Sadiq** ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-sitt imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' sebgħa u għoxrin (27) xahar priġunerija effettiva, mil-liema għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni mar-reati li tagħhom qed jinstab ħati permezz ta' din is-sentenza, filwaqt illi qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames imputazzjoni.

Tiġbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi illi l-ħati għandu jingħata l-għajnuna u l-kura kollha neċessarja li juwa jeħtieġ, inkluż fir-rigward tal-vizzju tad-droga.

Ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, tordna li l-atti flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza, jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti skont il-liġi.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat